# BEATI U QADDISIN....SETTEMBRU

## SAN MAWRIZJU
## 22 TA' SETTEMBRU

Matul l-imperu ta' Djoklezjanu u Maximian, fost il-legjuni Rumani kien hemm wiehed imsejjah il-"Legjun Teban". Kien maghmul minn 6,600 ragel, kollha nsara, mimlijin b'tant fidi u pieta' li kienet tidher komunità religjuza. L-armata Rumana ma kellha l-ebda legjun ahjar minn dan, ghax dawk li huma tassew Insara huma dejjem l-aktar diligenti biex jaqdu dmirhom.




Mexxej ta' dan il-legjun kien Mawrizju. Imtella' jghix fost l-armi, ghaqqad il-kuragg ma' mhabba tassew ammirevoli ghal

Gesù Kristu, u pprattika fedelment it-taghlim evangeliku. Gurnata wahda Mawrizju ircieva ordnijiet minghand l-imperatur biex imur l-Italja, jinghaqad mal-bqija tal-armata Rumana u jmur il-Gaulja kontra l-Bagaudi, bdiewa, rghajja u nomadi tal-Gaulja, li kienu ghadhom marbuta mat-tradizzjonijiet taghhom. Mawrizju, bhal dejjem f'kull haga li ma kinitx kontra l-ligi ta' Alla, obda fil-pront: gie l-Italja, u telaq lejn il-Gaulja bil-legjun tieghu.

Wara li wasal Valesia qrib Agauno, l-imperatur ghamel waqfa, li matulha ordna lis-suldati kollha biex jasistu ghas-sagrificcji u jahilfu li jimmassakraw lill-insara kollha.

San Maurizju u l-legjunarji tieghu rrifjutaw, lesti li jmutu aktar milli joffendu lil Alla. L-imperatur mbaghad ordna li l-legjun jigi decimat; u sema' li l-ohrajn kienu baqghu sodi fil-fehema taghhom, u pprostestaw lill-imperatur hekk: «Mulej, ahna s-suldati tieghek, imma fl-istess hin qaddejja ta' Alla. Ahna nirrispettaw is-servizz militari; minghandek nircievu s-salarju taghna, minghand Alla rcevejna l-hajja. Ghalhekk ma nistghux nobduk billi noffendu lil Alla, il-Hallieq u l-Imghallem taghna u tieghek, anki jekk tirrifjuta li taghraf lilu bhala tali. Lesti nohduha kontra l-ghadu, imma mhux kontra innocenti. Inti

tikkmandana nippersegwitaw lill-insara; hawn ahna: ahna nsara u nistqarru lil Alla l-Missier, awtur ta' kollox, u lil Gesù Kristu, Ibnu.”.

Din il-protesta rrabjat lil Massimijan, li ordna legjun iehor biex idawru lil Tebea, u joqtlu lil dawk kollha li baqghu jistqarru l-isem ta' Gesù. Dawk l-irgiel kuragguzi, kieku riedu, zgur li setghu jiddefendu lilhom infushom bl-armi, imma ppreferew jaghtu hajjithom ghal Gesù Kristu, u fi zmien qasir gew kollha maqtula.

Il-fdalijiet ta' San Mawrizju kienu trasportati lejn Turin u issa jinsabu kustoditi fil-kappella tal-Lizar Imqaddes.